DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUTM MALI/3/2014

tad-9 ta' Ottubru 2014

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni EUTM MALI/1/2014

(2014/719/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti rigward il-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika ta' EUTM Mali, inklużi d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandanti tal-Missjoni tal-UE sussegwenti.

(2) Fit-18 ta' Marzu 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUTM MALI/1/2014 ([2]) li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Marc RUDKIEWICZ bħala Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Mali.

(3) Fis-26 ta' Settembru 2014, Spanja pproponiet il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Alfonso GARCÍA-VAQUERO PRADAL bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Mali biex jissostitwixxi l-Brigadier Ġeneral Marc RUDKIEWICZ.

(4) Fit-30 ta' Settembru 2014, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li l-KPS jaħtar lill-Brigadier Ġeneral Alfonso GARCÍA-VAQUERO PRADAL bħala Kmandant tal-Missjoni tal-UE biex jissostitwixxi l-Brigadier Ġeneral Marc RUDKIEWICZ.

(5) Id-Deċiżjoni EUTM MALI/1/2014 għandha tiġi mħassar.

(6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Alfonso GARCÍA-VAQUERO PRADAL huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex jikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM MALI) mill-24 ta' Ottubru 2014.

([1]) ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUTM MALI/1/2014 tat-18 ta' Marzu 2014 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) (ĠU L 95, 29.3.2014, p. 30).

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni EUTM MALI/1/2014 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi, Brussell, id-9 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS